MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' April, 2005

Talba Numru. 18/2004

**James Catania**

**vs**

**EXS International Company Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Jannar 2004, fejn intalab il-hlas ta' elf u mitt lira Maltin (Lm1,100) rapprezentanti servizzi rezi mill-attur u ta' designing u formatting ta' printed matter kif ukoll software programming ghall-istess socjeta' konvenuta u dan kif gie mitlub li jaghmel mill-istess socjeta' konvenuta.**
**Illi s-socjeta' ammettiet li ghandha thallas din is-somma kif qieghed jigi muri mill-anness dokument immarkat JC 1 ;**
**Bl-ispejjez u bl-imghax u nkluz l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru ;**

**Is-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta pprezentata mis-socjeta' konvenuta fid-19 ta' Jannar, 2005 fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u fil-mertu u dan stante li l-attur mhuwiex dovut l-ebda ammont minghand is-socjeta' konvenuta u dan stante li s-socjeta' konvenuta ma ordnat l-ebda software programming u wkoll ix-xoghol ta' l-attur sar b'mod hazin u mhux skond is-sengha u l-arti.**
**Illi Dok JC 1 m'ghandu l-ebda effett fil-ligi u dan stante li kellu biss firma ta' direttur wiehed u mhux ta' tnejn kif hemm fil-Memorandum of Association tas-socjeta' konvenuta, kopja annessa bhala Dok EXS 1.**
**Illi fi kwalunkwe kaz l-ispejjez ta' l-istante u tal-mandat ta' sekwestru ghandhom ikunu a karigu ta' l-attur stante ntempestivita' ta' l-azzjoni.**
**Bl-ispejjez kontra l-attur inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u tal-kontro-mandat relattiv.**

**Semgha x-xhieda ta' Darren Micallef, Norbert Friggieri, Anthony Sultana, James Catania. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-attur qed jitlob il-hlas ghal servizzi ta' designing u formatting. Is-socjeta' konvenuta qieghda tghid illi t-talbiet huma nfondati u bazikament minhabba li x-xoghol sar hazin.**
**2. In sostenn tat-talba tieghu l-attur esebixxa d-Dok JC 1 li hu dokument iffirmat minn Darren Micallef f'isem is-socjeta' konvenuta fejn iddikjara li l-attur ghandu jiehu s-somma mitluba. F'dan ir-rigward is-socjeta' konvenuta tghid illi tali dokument ma ghandu ebda effett fil-ligi peress li direttur wiehed ma setghax jorbot lill-kumpanija u f'dan is-sens esebiet estratt minn Memorandum of Association ta' l-istess socjeta' Dok EXS 1. It-Tribunal f'dan ir-rigward iqis illi huwa minnu illi kienu necessarji l-firem ta' zewg**

**diretturi u mhux ta' direttur wiehed u ghaldaqstant tali dokument ma jistax jitqies illi qed jorbot lill-imsemmija socjeta' konvenuta.**

**3. Jirrizulta illi l-problema principali kienet tirrigwarda z-zewg hargiet tal-magazine Road Rage Dok A u Dok B.**

**4. Skond l-attur hu kien ftiehem li jithallas hames mitt lira (Lm500.00) li tinkludi l-VAT fuq ix-xoghol taz-zewg magazines, u kellu jaghmel ix-xoghol ta' designing u formatting. Apparti minn dan l-attur ighid li kellu jithallas ukoll tlett mitt lira (Lm300.00) ghal *used car directory* li kellu jipprepara. L-attur ighid li thallas mitejn lira (Lm200.00) u ghalhekk fadal il-bilanc mitlub.**

**5. Darren Micallef ghas-socjeta' konvenuta jispjega illi l-attur kien imqabbad bhala *Art Director*. Hu qal testwalment « fuq l-ewwel magazine esebit ma ghandniex x'ingergru fuq ix-xoghol tieghu. » L-ilment principali huwa dwar dak li semma bhala zbalji gravi fit-tieni magazine bhal l-izball fil-faccata fejn gie nvertit ir-ritratt.**

**6. Huwa minnu li kien hemm il-ftehim ghal hlas ta' hames mitt lira fuq l-ewwel magazine. Dwar it-tieni magazine Micallef ighid illi l-hlas kellu jkun ta' mitejn lira.**

**7. Norbert Friggieri direttur iehor tas-socjeta' konvenuta jikkonferma illi l-hlas ghall-ewwel issue kellu jkun ta' hames mitt lira, filwaqt li l-hlas ghat-tieni issue kellu jkun ta' mitejn. Ir-riduzzjoni fl-ammont ghat-tieni magazine kienet minhabba li l-istess magazine ma kienx qed ihalli ammont kbir ta' qliegh u f'dan is-sens Friggieri qal li kellhom jaqtghu fl-ispejjez. Friggieri rrefera ghal diversi zbalji fit-tieni magazine, zbalji li huwa ndika fid-Dok NF esebit.**

**8. It-Tribunal jirrileva illi l-editur ta' magazine ghandu dmirijiet specifici fosthom illi jara illi dak li qed jigi ppublikat ma jkunx fih zbalji. L-editur f'dan il-kaz ma kienx l-attur izda kien Norbert Friggieri. Ma jistax Friggieri jfarfar ir-responsabbilta' ta' editur billi jghid illi l-layout ta' magazine kienet f'idejn l-attur. Wiehed ghandu wkoll izomm quddiem ghajnejh il-fatt**

**illi l-istess Friggieri kien ukoll designer fl-istess magazine.**

**9. It-Tribunal jirrileva illi kien hemm ukoll Anthony Sultana li kien ukoll direttur u designer u jiehu hsieb il-pubblikazzjoni finali u dana specifikatament minhabba li l-attur ma kienx jaf jaghmel il-final output.**

**10. Dwar il-website u d-database illi saru, huwa minnu illi dawna ghamilhom l-attur u jidher illi l-password u l-user name zammhom hu b'mod illi llum is-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda uzu minn dak illi ghamel l-attur fir-rigward.**

**11. Tenut kont ta' dan kollu t-Tribunal jinnota illi huwa minnu illi l-konvenut li kellu jghin fid-design tal-pubblikazzjoni u l-graphic design ghamel certi zbalji fit-tieni harga. Hemm provi konfliggenti dwar jekk l-ammont ghat-tieni harga kellux ikun ta' hames mitt lira jew inqas, pero' t-Tribunal hu propens mill-provi mismugha u in vista wkoll tad-dikjarazzjoni ta' wiehed mid-diretturi Dok JC 1 illi fil-fatt l-ammont kien tassew ta' hames mitt lira. Tenut kont ta' l-izbalji ta' l-attur specjalment fil-faccata ta' l-istess magazine l-attur ma ghandux jithallas l-ammont kollu izda t-Tribunal qed jiffissa arbitrio boni viri s-somma ta' tlett mitt lira (Lm300.00) fir-rigward. Apparti minn dan hemm dovuta lill-attur is-somma ta' tlett mitt lira bilanc fuq l-ewwel magazine. Ma jirrizultax li hemm xejn dovut dwar il-website illi ma setghux jutilizzawh il-konvenuti, dana jgib illi s-socjeta' konvenuta ghad ghandha thallas lill-attur is-somma ta' sitt mitt lira (Lm600.00)**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' sitt mitt lira (Lm600.00) u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur l-imsemmija somma ta' sitt mitt lira (Lm600.00), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------